MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 479/2013

**Bank of Valletta plc**
**C 2833**
**Vs**
**Caruana Duncan**
**ID 265087M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Awissu, 2013 illi permezz ta' skrittura privata datata 17 ta' April, 2009 (Dok A anness mat-talba), is-socjeta' attrici ikkoncediet *loan facility* lil konvenut Duncan Caruana.

Illi, l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, disa' mija u zewgt ewro u erba' centezmi (€1,902.04) bilanc ghad-debitu fil-*'Loan Account'* tieghu ml-Bank of Valletta p.l.c (Dok B anness mat-talba) flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta' Gunju, 2013 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Marzu, 2011 (Dok C anness mat-talba) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment.

Illi interpellat sabiex ihallas id-dejn imsemmi, il-konvenut baqa' inadempjanti, u ghalhekk kelha ssir din it-talba.

Illi s-socjeta' attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skont il-ligi hawn anness u mmarkat Dok D.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-10 ta' Dicembru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-15 ta' Novembru, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

B'referenza ghar-rata ta' imghax mituba inkwantu huwa oghla minn tmienja fil-mija (8%) issir referenza ghall-Legislazzjoni Sussidjarja 16.06 - Regolamenti Dwar Ezenzjoni Mir-Rata ta' Mghax[1] senjatament ghar-regolament numru hamsa li jipprovdi:

'*Minkejja kull haga ohra li tinsab f'kull ligi ohra, istituzzjonijirt ta' kreditu u dawk finanzjarji fil-kuntest tat-tifsira tar-regolament 2[2]jistghu jistabbilixxu r-rata ta' mghax li ghandha tithallas fuq depoziti mizmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' mghax li dawn jistghu jitolbu li jithallsu fuq self, avvanzi u kull facilita' ta' kreditu ohra kif ukoll fil-hrug ta' debebtures jew ta' debenture stock jew strumenti ohra li joholqu jew jirrikonoxxu stat ta' debitu'.*

Dan l-artikolu infatti jirrinforza l-artikolu 33 tal-Kap 204[3] tal-Ligijiet ta' Malta li huwa identiku ghal dak appena kkwotat.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-

---

[1] Avviz Legali 142 ta' l-2009

[2] Regolament 2(b) applikabbli ghal dan il-kaz

[3] Att Dwar il-Bank Centrali ta' Malta

somma ta’ elf, disa' mija u zewgt ewro u erba' centezmi (€1,902.04).
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali u l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju, bl-imghaxijiet kif mitluba mid-29 ta' Gunju, 2013 sad-data tal-pagament effettiv a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------